HAL BALZAN

IT-TIENI SENA Nru. 11 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — 28 — MEJJU//ĠUNJU 1973

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(11) IL-KNEJJES IŻ-ŻGHAR TA' HAL BALZAN

Minn Dun Ġ. DIMECH

IL-KNISJA TA' S. MARIJA *(ikompli)*

Meta l-Ewwel Knisja ta' Santa Marija ġiet iddikjarata profanata, mhux biss l-obbligi ġew trasferiti għall-Knisja Parrokkjali, iżda anke l-Kwadru Titulari ta' Marija Mtellgħa s-Sema ġie wkoll meħud fil-Knisja ta' Marija Annunzjata. Dan nafuh mill-Ktieb ta' l-Obbligi tal-Parroċċa, fejn insibu miktub li: "L-Għasar ta' lejlet il-Festa ta' Santa Marija u l-Quddiesa Kantata ta' nhar il-15 ta' Awwissu 1663 ma sarux fil-Knisja Filja li ta' Santa Marija, peress li din il-Knisja hija profanata, iżda saru fil-Knisja Parrokkjali. Ha ksieb it-twettiq ta' l-obbligu Dun Dumink Hellul, Kappillan. Ħallsu l-ispejjeż ta' sitt tari' (4c2), imħollijin minn Marietta Mica llef, il-prokuraturi tal-Knisja Parrokkjali". (1)

Insibu wkoll, fil-ktieb ta' l-Obbligi fuq imsemmi, li l-Kwadru ta' Marija Assunta dam miżmum fil-Knisja Parrokkjali mis-sena 1663 sas-sena 1674. Insibu wkoll li t-twettiq ta' l-obbligi tal-Għasar u tal-Quddiesa Kantata tal-Festa ta' Santa Marija mill-1663 sal-1666 ħadu ħsiebhom il-prokuraturi tal-Knisja Parrokkjali, u mis-sena 1671 sal-1674 ġie magħżul bħala prokuratur tal-Kwadru ta' Santa Marija u l-obbligi tiegħu Dun Ġużepp Frendo. (2)

Nhar l-20 ta' Awwissu 1666, il-Protonotorju Apostoliku Dott. Don Domenico Debono ħalla fundazzjoni ta' Quddiesa letta biex tibda ssir kull nhar ta' Sibt fl-artal titulari tal-Knisja filjali ta' Marija Assunta li qiegħda f'Hal Balzan u li tinsab quddiem id-dar ta' missieru Giovanni. (3)

Għaddew ħdax-il sena minn meta x'uħud mill-Balzanin devoti tal-Knisja ta' Santa Marija kitbu lill-Isqof Balaguer fejn kienu talbuh jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-profanazzjoni tal-Knisja ta' Santa Marija. Iżda dik id-deċiżjoni qatt ma ġiet irtirata. B'danakollu, in-nies tat-taqsima ta' Santa Marija ma qatgħux qalbhom u riedu għal darb'oħra jressqu t-talba tagħhom lill-Isqof Lorenzo Astiria meta, nhar is-26 ta' Settembru 1673, kien qed jagħmel Viżta Pastorali f'dan ir-Raħal. Dak inhar dehret delegazzjoni quddiem dan l-Isqof fejn, f'isem il-Poplu ta' Hal Balzan, talbet biex jagħti l-permess li l-Knisja ta' Santa Marija terġa' tiġi mbierka mill-ġdid, il-Kwadru jerġa' jitqiegħed f'din il-Knisja, kif ukoll l-obbligi l-oħra jerġgħu jiġu trasferiti mill-Knisja Parrokkjali għal din il-Knisja. In-nies wiegħdu lill-Isqof li huma lesti biex jagħmlu dak kollu li jordnalhom hu, basta jerġa' jkollhom il-permess li jużaw il-Knisja għall-kult. (4)

Bini tat-Tieni Knisja

Għaddew biss sentejn minn meta n-nies ta' madwar il-Knisja ta' Santa Marija kienu wegħdu lill-Isqof Astiria li huma kienu lesti biex jagħmlu kull sforz u sagrifiċċju, basta jirranġaw f'lok ta' qima xierqa lil din il-Knisja fejn ikun jista' jkollhom il-quddies u jwettqu d-devozzjonijiet tagħhom. Il-wegħda ta' dawn in-nies wettquha u f'dawk is-sentejn reġgħu bnew dik il-Knisja kważi, tista' tgħid, mill-ġdid. Kif il-bini ta' din il-Knisja kien mitmum, il-Kappillan, Dun Dumink Ellul, berikha, fost il-ferħ tan-nies kollha ta' Hal Balzan, nhar l-10 ta' Marzu 1675. (5)

Fil-ktieb ta' l-Obbligi Perpetwi tal-Parroċċa, fis-sena 1674 insibu dan li ġej dwar il-festa ta' Santa Marija: "Jiena, Dun Dumink Hellul, Kurat ta' Hal Balzan, nhar il-15 ta' Awwissu 1674, wettaqt l-obbligu tal-Kwadru ta' Santa Marija li qiegħed bħalissa fil-Knisja Parrokkjali billi hadt ħsieb nagħmel il-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata, u għal dan irċevejt sitt tari' (4c 2) mingħand il-prokuratur Dun Ġużepp Frendo".

Fl-istess ktieb ta' l-Obbligi, fis-sena ta' wara, 1675, insibu dan li ġej dwar il-Festa ta' Santa Marija: "Jiena, Dun Dumink Hellul, Kurat ta' Hal Balzan, wettaqt l-obbligu ta' Santa Marija fil-Knisja Filjali ta' Santa Marija, li għadha kemm ġie mibnija mill-ġdid, u hemm għamilt il-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata fl-imsemmija Knisja u rċevejt sitt tari' mill-prokuratur Dun Ġużepp Frendo". (6)

Kif kienet din il-Knisja

L-ewwel deskrizzjoni ta' din il-Knisja nsibuha fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li saret lil din il-Knisja mill-Isqof Mikiel H. Molina nhar it-3 ta' Jannar 1679. Naqraw li din il-Knisja kellha żewġ bibien u mhux tlieta bħalma kellha ta' qabilha. Il-bieb prinċipali jħares lejn nofsinhar u l-ieħor iż-żgħir iħares lejn il-punent. F'din il-Knisja nsibu li l-pożizzjoni tal-biebien ġiet mibdula. Il-Knisja ta' qabel din kellha l-bieb prinċipali jħares lejn il-punent, mentri din għandha, kif ġa għedna, il-bieb prinċipali jħares lejn nofsinhar. (7)

Din il-Knisja kienet ta' forma rettangolari, hekk ħalliena miktub l-Isqof Vincenzo Labini fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali tad-9 ta' Ġunju 1781. (8)

Insibu wkoll fil-Viżta ta' l-Isqof Rull li fil-faċċata ta' din il-Knisja kien hemm qanpiena waħda mdendla taħt ħnejja żgħira. (9)

Il-Kwadru

Il-kwadru hu l-istess wieħed li kien ġie meħud fil-Knisja Parrokkjali u li kien fl-ewwel Knisja. Dan il-Kwadru fih impittra x-xbieha ta' Marija Santissma Mtellgħa fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem. (10)

Il-gwarniċ ta' dan il-kwadru titulari hu ta' l-injam miżbugħ iswed b'disinn u profil tad-deheb. (11)

Fil-ktieb ta' l-Esiti nsibu li f'Mejju tal-1745 ġew imħallsa 7 skudi u 2 tari lill-pittur li rrestawra l-Kwadri tal-Knejjes Filjali, fosthom il-Kwadru tal-Knisja ta' Santa Marija. (12)

L-Artal Titulari

Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mikiel Molina, tat-3 ta' Jannar 1679, insibu li l-artal prinċipali kien tal-ġebel. (13)

F'Awissu tal-1758 tħallsu 4 tari' għal skannell ta' fuq dan l-artal. (14)

Dan l-artal kien armat tajjeb ħafna u kellu wkoll ventartal tat-tila mpittra. (15)



DUN AMABILE SISNER

F'GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MINN MEWTU NIFTAKRU F'DAN IL-KAPPILLAN TA' HAL BALZAN LI FITTEX LI JAGĦMEL IL-ĠID MHUX BISS BIL-KELMA U BIL-EŻEMPJU IMMA WKOLL BIL-KITBA. **(Ara Paġni 2 u 3).**

Artali Oħra

Barra mill-artal prinċipali, din il-Knisja kien fiha tlett artali oħra żgħar. Iżda fil-Viżta li saret lil din il-Knisja, nhar it-3 ta' Jannar 1679, il-ko-viżitaturi: Mons. Antonio Famuelo, Vigarju Ġenerali, u Mons. Mariano Attard, talbu lill-Kappillan, Dun Dumink Hellul, biex ineħħi dawk it-tlett artali żgħar u jħalli biss l-artal prinċipali biex b'hekk jinkiseb aktar spazju fejn jistgħu joqogħdu aktar nies fil-Knisja. Dawn il-ko-viżitaturi ordnaw ukoll li t-tabernaklu żgħir ta' l-injam jittieħed fil-Knisja Parrokkjali. (16)

Jidher li dawn it-tlett artali ġew imneħħija għaliex fil-Viżta tad-9 ta' Ottubru 1758 kif ukoll fil-viżti ta' wara naraw jissemma biss l-artal prinċipali. (17)

Iċ-Ċimiterju

Quddiem din il-Knisja ta' Santa Marija sa mis-sena 1591 kien hemm Ċimiterju. (18) Dan iċ-Ċimiterju kien jasal sa fejn illum hemm l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija. Meta l-Isqof Vincenzo Labini, kien għamel il-Viżta Pastorali nhar id-9 ta' Ġunju 1781, kien sab li ċ-ċint li jdawwar dan iċ-ċimiterju kien baxx u għalhekk ordna li jitgħolla. Fil-viżta ta' wara, l-istess Isqof sab li dak iċ-ċint ġie mgħolli. Insibu wkoll li fil-Viżta tas-17 ta' Mejju 1785, meta dan l-Isqof Labini mar jagħmel il-Viżta tiegħu lil din il-Knisja, huwa bierek l-oqbra ta' ġol-Knisja kif ukoll dawk taċ-Ċimiterju. (19)

REFERENZI

1. Libro degli Obblighi Perpetui. Lib. 41. Ark. Parrokkjali.
2. Op. Cit.
3. Lib. 15. Arkivju Parrokkjali.
4. ASTIRIA L.: Visit. Past. fol. 26. Ark. Arciv.
5. FERRIS A.: Descrizione delle Chiese di Malta p. 512.
6. Lib. 41, p. 7. Arkivju Parrok.
7. MOLINA M.H.: Visit. Past. fol. 114. Ark. Arciv.
8. LABINI V.: Visit. Past. fol. 289. Ark. Arciv.
9. RULL B.: Visit. Past. fol. 11. Ark. Arciv.
10. MOLINA M.H. Visit. Past. fol. 114. Ark. Arciv.
11. LABINI V. Visit. Past. fol. 289. Ark. Arciv.
12. Libro Esiti. Ark. Par.
13. MOLINA M.H. Visit. Past. fol. 114. Ark. Arciv.
14. Libro Esiti. Ark. Par.
15. MOLINA M.H. Op. Cit.
16. Op. Cit.
17. RULL B.: Visit. Past. Vol. II p. 5. Ark. Arciv.
18. ALPHERAN P.: Visit: Past. fol. 323. Ark. Arciv..
19. LABINI V.: Visit. Past. fol. 97. Ark. Arciv.

Elite MENSWEAR

DRESS WEAR HIRE SERVICE

for

★ FASHIONABLE WEDDINGS
★ EXCLUSIVE PARTIES
★ IMPORTANT EVENTS

WE SELL CLOTHES TOO!
IN FACT WE ARE:-
THE EXCLUSIVE CENTRE
FOR MENSWEAR

80, SOUTH Str. VALLETTA
TEL. 28227

EDITORJAL:

IL-KNEJJES IŻ-ŻGĦAR TA' ĦAL BALZAN

Ħal Balzan, bħal kull raħal ieħor f'Malta, għandu diversi ħwejjeġ ta' interess x'joffri lil min għandu għal qalbu l-qdumijiet u l-arti ta' pajjiżna. Fost dawn, minn ta' quddiem nett jiġu l-knejjes iż-żgħar tar-raħal — it-tliet knejjes ta' l-Annunzjata, Santu Rokku, u San Anard, li qegħdin mibnijin maġenb xulxin fit-triq imsemmija għalihom, u l-knisja ta' Santa Marija li tinsab fi Triq il-Kbira.

Dawn il-knejjes huma xhieda ta' kemm missirijietna kienu jgħożżu t-twemmin tagħhom, hekk li saħansitra wrew din l-għożża fil-bini ta' dawn l-imqades żgħar imma ħelwin li nsibu mxerrda fl-ibliet u r-rħula tagħna. Dawn il-knejjes jixhdu wkoll il-ħila ta' niesna tal-qedem fix-xogħol tal-ġebla, li minnha kienu jsawru dawn il-kappelli li, minbarra s-siwi storiku tagħhom, uħud minnhom huma tabilħaqq artistiċi. B'hekk dawn il-knejjes huma monumenti ħajja li jagħmlu ġieħ lill-ġens Malti bħala poplu kolt u li għandu r-reliġjon minquxa f'qalbu.

Imma, fis-sewwa kollha, qegħdin aħna ngħożżuhom dawn il-knejjes żgħar u nieħdu ħsiebhom kif tabilħaqq imissna? Jew tlaqnihom u warrabnihom bħala ħaġa ta' l-imgħoddi li għax m'għadniex neħtiġuhom aktar allura ttraskurajnihom? Daqqa t'għajn ħafifa lejn dawn il-knejjes malajr tagħtina t-tweġiba. Mhux il-knejjes kollha messithom l-istess xorti. Uħud li ġew f'idejn min għaraf is-siwi tagħhom huma ppreservati u miżmumin tajjeb ħafna. Oħrajn li sfortunatament waqgħu f'idejn ħżiena, f'idejn min ma jagħrafx japprezza oġġett storiku, illum jinsabu fi stat dekadenti jekk mhux ukoll waslu biex jiġġarrfu.

X'ingħidu għall-knejjes iż-żgħar tar-raħal tagħna? Il-knejjes iż-żgħar ta' Ħal Balzan żgur ma jaqgħux taħt din l-aħħar kategorija li semmejna. Imma lanqas ma nistgħu ngħidu li huma miżmumin tajjeb kif jixirqilhom. Biżżejjed insemmu li waħda minnhom, dik ta' San Anard, messitha x-xorti ħażina li tkun użata bħala dar privata, u l-oħrajn qegħdin iservu ta' mħażen fejn jintrafa' l-armar tal-festa titulari, hekk li dawn ma jistgħux jitgawdew mill-pubbliku bir-riżultat li l-poplu jibqa' ma jagħrafx il-valur artistiku u storiku ta' dawn it-tempji żgħar.

Hemm bżonn li dawn il-knejjes innaddfuhom darba għal dejjem u noħorġuhom minn dan l-istat li mhux jagħmlilhom ħlief ħsara. Hemm bżonn li nirrestawrawhom u nifthuhom għall-pubbliku ħalli dan jagħraf japprezza l-wirt imħolli minn missirijietna. Hemm bżonn li l-armar tal-festa nsibulu post ieħor u mhux inqegħduh fl-istess imkejjen qaddisa fejn dari missirijietna kienu jqimu 'l Alla u jidfnu l-mejtin tagħhom.

Il-Kunsill Ċiviku tagħna diġa' beda jagħti s-sehem tiegħu ħalli dan il-għan jintlaħaq. Fil-laqgħa ġenerali tal-14 ta' Marzu ta' din is-sena, il-Kunsill għamel talba lill-President, li allura, bħala Kappillan tal-Parroċċa, huwa responsabbli mill-amministrazzjoni ta' dawn il-knejjes iż-żgħar, sabiex bħala bidu għall-Mużew Parrokkjali li beħsiebu jiftaħ fil-Parroċċa huwa jieħu ħsieb jirranġa l-knisja ta' Santu Rokku, li hija l-inqas waħda li tinsab imgħobbija bl-armar tal-festa. Il-Kappillan qabel mija fil-mija ma' dan is-suġġeriment u ta lill-Kunsill il-kelma tiegħu li jagħmel ħiltu kollha. Nittamaw li dan is-suġġeriment tagħna jingħata l-importanza li tistħoqqlu.



Fil-25 ta' Frar, il-membri Juniors ta' l-Azzjoni Kattolika Xebbiet taw riċeviment lil 20 tifel u tifla tal-Creche ta' l-Ursolini fiċ-ċirkolu tagħhom. Huma allegrawhom ukoll permezz ta' 'sketches' u logħob ieħor, li ġew ippreparati minnhom stess.

DUN AMABILE SISNER

Minn **CARMEL BEZZINA, B.A.** 22

It-triq li tiġi sewwasew biswit il-kunvent tal-Bon Pastur u li minn Triq San Valentinu tieħu għal Triq Idmejda ġġib l-isem tal-Kappillan waħdieni li l-Balzanin, biex ma jħallux it-tifkira tiegħu tgħib minn fosthom, riedu jonqxulu ismu fuq waħda mit-toroq tar-raħal tagħhom. Qiegħed ngħid għall-Kappillan Dun Amabile Sisner, li mexxa l-parroċċa ta' Ħal Balzan għal sebgħa u għoxrin sena sħaħ u li miet fis-17 ta' Ġunju 1923, sewwasew ħamsin sena ilu.

Lil Dun Amabile Sisner nistgħu nħarsu lejh minn żewġ aspetti. Min-naħa l-waħda narawh bħala qassis li qatta' l-biċċa l-kbira tal-ħajja saċerdotali tiegħu bħala Kappillan ta' Ħal Balzan; u mill-oħra jidher bħala kittieb tal-Malti li bil-pinna tiegħu ħabrek mhux ftit sabiex jgħallem il-poplu Malti fi żmien meta l-kitba bil-Malti kienet skarsa. Dawn iż-żewġ ħidmiet Sisner għaraf igħaqqadhom flimkien, anzi, nistgħu ngħidu, it-tnejn huma frott tal-ħerqa kbira li kellu li jgħallem u jagħmel il-ġid lill-Maltin. Huwa mill-aspett ta' kittieb li se nħarsu lejn Sisner f'din il-kitba. U għalhekk mhux se noqogħdu nintilfu fuq ħafna rqaqat żgħar ta' bijografija. 'Il quddiem, jekk Alla jrid, għad nagħtu tagħrif aktar dettaljat dwar il-ħajja u l-ħidma ta' dan is-saċerdot għaref u ħabrieki.

B'danakollu xi żewġ punti żgħar dwar ħajtu huma meħtieġa sabiex igħinuna nqiegħdu 'l Sisner fi żmienu. Amabile Sisner twieled f'Bormla nhar it-13 ta' Awwissu 1854. Missieru kien Giuseppi Sisner u ommu Carmela, imwielda Cristina. Għammduh fil-Knisja Kolleġġjata tal-Kunċizzjoni nhar is-17 ta' Awwissu. (1) Meta kiber beda jmur l-iskola tal-Gvern, u mill-ewwel wera li kien tfajjel bil-għaqal u studjuż, hekk li baqa' miexi 'l quddiem sakemm laħaq saċerdot. Wara xi snin li ordna, huwa nħatar Kappillan ta' Ħal Balzan. Dun Amabile Sisner ħa l-pussess ta' Kappillan minn idejn il-Kanċillier Saċ. G. Rossi nhar it-18 ta' Ġunju 1896. Baqa' Kappillan tar-raħal sakemm miet nhar is-17 ta' Ġunju 1923, jum qabel is-sebgħa u għoxrin anniversarju tal-pussess tiegħu.

Sisner beda jħaddem il-pinna tiegħu sa minn meta kien għadu qassis żagħżugħ ġewwa Bormla. L-ewwel xogħlijiet tiegħu jġibu l-isem **Ward Bla Xewk**. Din hija ġabra ta' rakkonti storiċi li ħafna minnhom Sisner qalibhom għall-Malti minn ilsna oħra. Din il-ġabra ta' qari fiha ħames taqsimiet, u kollha dehru bejn is-snin 1887 u 1897. L-ewwel erba' taqsimiet ippubblikahom fl-istamperija ta' G. Mifsud ta' Triq Sant' Ursola, il-Belt, u l-aħħar taqsima għand Giov. Muscat. F'din il-ġabra nsibu għadd ta' stejjer qosra bħal 'L-Ittim', 'Guljetta u Dorotea', 'Il-Lampier fis-Santwarju tal-Karmelu', 'L-Imsejkna Adelinda', 'Żewġ Aħwa Martri', u wkoll ir-rumanzett popolari 'Ġenoveffa', flimkien ma' għadd ta' rakkonti qosra. Fiha nsibu wkoll il-ħajja fil-qosor ta' Marija Santissma, li Sisner qaleb mill-oriġinal tal-Venerabbli Suor Marija ta' Ġesù minn Agreda.

Din il-Ħajja tal-Madonna ġiet stampata għat-tieni darba, din id-darba sħiħa, fl-1910. U r-rumanzett 'Ġenoveffa' tant kien ingħoġob li saru erba' edizzjonijiet tiegħu u nbiegħu kollha. U saħansitra fl-1934, ħdax-il sena wara l-mewt ta' Sisner, dan ir-rumanzett reġa' ħareġ għalihames darba minn wieħed Mikiel Psaila, bil-permess tas-Sur Fons Marija Galea, li kien ħa ħsieb ir-raba' edizzjoni tiegħu li kienet ħarġet fis-sensiela "Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien".

X'kien il-għan ta' Sisner f'dawn ix-xogħlijiet? Dun Mabb, kif kienu jsibuh ħbiebu, ma jidhirx li kellu xi għan letterarju, għalkemm l-istil tiegħu mhux wieħed imgħarraq u niltaqgħu ma' siltiet li jixhdu sengħa fit-tħaddim tal-kelma Maltija. Ħsieb Sisner kien x'aktarx wieħed ta' tagħlim lill-poplu, kif jidher mill-kelmtejn 'Lil Min Jaqra' qabel l-ewwel taqsima ta' **Ward Bla Xewk**. F'din id-daħla, Sisner juri s-siwi tal-kitba fit-tixrid tat-tagħlim u wkoll il-ħtieġa ta' iżjed kotba bil-Malti għal dawk (u dawn kienu ħafna!) li ma jafux jaqraw jew jifhmu ħlief bil-Malti. Sisner jissokta jgħid li l-fehma tiegħu hija li "...... nbiegħdu lil ħutna mill-frugħa u mill-velenu", sabiex "filwaqt li jallettaw irwieħhom bir-rakkonti, minn dawn jisiltu l-ġid, billi jaraw il-ġmiel u l-ġid tal-virtù, il-kruħa u d-deni tal-vizzju". Hekk, min jaqra "jaħrab ix-xewk tal-ħażen, u jiżżejjen bil-ward tal-virtù". Dan il-għan ta' Sisner insibuh imtenni diversi drabi qabel jew wara dawn ir-rakkonti.

Ix-xogħol siewi li kien qed iwettaq Dun Mabb bil-kitba tiegħu ma setax ma jogħġobx lil min kellu fi ħsiebu l-ġid ta' l-erwieħ. L-Isqof innifsu, Mons. Pietru Pace, faħħar il-perjodiku **Ward Bla Xewk** u wera l-għoġba tiegħu f'kelmtejn li huwa kiteb bit-Taljan u li jidhru fl-ewwel paġna tat-tielet taqsima ta' **Ward Bla Xewk.** Huwa qala' t-tifħir ukoll tal-Papa Ljun XIII fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 1893. Il-Papa ħeġġeġ 'il Sisner sabiex jissokta f'dan ix-xogħol tiegħu u ta l-barka lilu u lill-imseħbin tiegħu. Dawn iż-żewġ kelmiet tal-Papa nsibuhom fuq il-qoxra tat-tieni edizzjoni ta' **Ward Bla Xewk.** Din it-tieni edizzjoni saret bejn l-1917 u l-1919 fl-istamperija 'Andolfo & Magro' ta' Triq l-Ifran, il-Belt.

Fl-1900 Sisner ħareġ il-**Ħajja ta' San Franġisk Saverju — Appostlu ta' l-Indja.** Dan ix-xogħol huwa ddedikah lis-Sur Fons Marija Galea, li kien it-teżorier ta' l-opra missjunarja "Propaganda Fide". Fil-fatt, kien is-Sur Fons innifsu li għal ħafna drabi talab 'il Dun Mabb sabiex jiktiblu l-ħajja ta' dan il-qaddis, protettur tal-missjonijiet. Milli jidher Sisner ma xtaqx igħidlu le u, għalkemm bil-għaġġla, ix-xogħol wettqu. Id-daħla ta' dal-ktejjeb tista' tixħet xi ftit dawl fuq il-karattru ta' dan is-saċerdot twajjeb. Fost ħwejjeġ oħra, jgħidlu hekk lis-Sur Fons: "...... dal-ktieb ma nafx jekk huwiex ħaġa li noffrih lilek u li jidher quddiem in-nies. L-ewwelnett, jiena, minni, ftit jew xejn ninqala'; imbagħad, hemm ukoll li ktibtu bil-għaġġla".

Isem Dun Mabb Sisner huwa marbut ukoll mal-ktieb li huwa semma **Imxi L-Ġenna.** Dan il-ktieb ta' 983 paġna huwa ġabra ta' talb u tagħlim fuq id-dmirijiet tan-nisrani, u xi meditazzjonijiet u devozzjonijiet oħra. Dan il-ktieb deher għall-ewwel darba fl-1904; wara biss sitt snin reġa' ġie stampat għat-tieni darba, u t-tielet edizzjoni tiegħu saret fl-1928. Min jaqra u jifli sewwa wħud mit-talbiet li kiteb Sisner malajr jintebaħ bl-ispiritwalita' li kien imżejjen biha.

Fl-1904 Sisner ippubblika wkoll **Mit-Tieġ Għall-Martirju** u s-sena ta' wara kitba oħra bl-isem **Vjoli u Ġiżimin.** Dawn iż-żewġ xogħlijiet huma l-għadd 32 u 49 rispettivament fis-sensiela "Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien", immexxija mis-Sur Fons Marija Galea.

Sisner ma ħallielniex biss xogħlijiet ta' proża; huwa kiteb xi versi wkoll. Imma wkoll f'dawn, naraw lill-istess Sisner li jixtieq iwassal lill-qarrejja tiegħu xi tagħlima morali jew spiritwali. Dun Mabb kiteb b'kollox erba' poeżiji li kollha dehru fis-sena 1907, għalkemm kitibhom qabel. Tlieta minn dawn il-poeżiji nsibuhom f'paġni 96, 97, 98, u 99 tal-ktejjeb "Il-Ħajja ta' Missierna San Pawl" (1907) miktuba bil-Malti minn C. Micallef De Caro. Il-poeżiji huma: **Nitgħallmu mill-Warda,** miktuba fi Frar 1874; **Nitgħallmu mill-Ħuta,** miktuba f'Marzu 1895; u **Miserere Mei, Deus,** sunett miktub f'April 1905. Dan ta' l-aħħar huwa talba ta' bniedem midneb li reġa' lura fi ħdan Missieru għall-maħfra.

F'Nitgħallmu mill-Warda, Dun Mabb jagħti tagħlima liż-żgħażagħ billi jqabbel il-ħajja tal-bniedem ma' warda li tiftaħ sabiħa fil-għodu u mbagħad tidbiel fil-għaxija. Il-poeżija jispiċċaha hekk —

Din il-warda lilek tagħti,
jekk int xbejba, jew żagħżugħ,
tagħlim kbir, li dlonk jisfalek
saħħa, duwa, ġid tar-ruħ.

Mela dil-warda — żomm dejjem miegħek
għax mhix ħaġ'oħra — ħlief xbieha tiegħek.

Fil-poeżija l-oħra **Nitgħallmu mill-Ħuta,** Sisner iwissina sabiex nitbiegħdu mill-ħażen għax inkella jiġrielna bħall-ħuta li tersaq lejn il-lixka u fl-aħħar tinqabad.

Il-poeżija l-oħra li kiteb Sisner jisimha **Lill-Ħanina Omm Alla Consolatrix Afflictorum,** u dehret fil-ktejjeb numru 60 tal-"Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien". Din hija l-itwal poeżija ta' Sisner u fiha tlettax-il strofa. Fiha, Sisner ifaħħar il-ħniena ta' Ommna Marija u jħeġġiġna sabiex ma naqtgħux qalbna u nersqu lejha f'kull ħtieġa tagħna.

Minn din il-ħarsa ħafifa li tajna lejn ix-xogħlijiet ta' Dun Mabb Sisner, jidher ċar li huwa nqeda tajjeb bid-don tal-kitba, u fil-ħidma pastorali tiegħu ma ngħalaqx fil-parroċċa ċkejkna li tagħha

(jissokta f'paġna 3)

PAUL VELLA

DRAPPIJIET U LBIESI TAL-PREĊETT

BLAZERS, KPIEPEL, U

UNIFORMIJIET TA' L-ISKOLA

5, MERCHANTS STREET, VALLETTA Tel.: C. 26222

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

L-att sagrilegu li għadu jkemm kexkixna bil-kruha tiegħu, u li ġie mwettaq fil-Knisja tal-Midalja Mirakuluża (tal-MUSEUM) tal-Blata-l-Bajda fl-ewwel granet ta' Mejju, meta ħstji konsagrati ġew imxerrda qrib l-artal, ġegħelni nikteb dawn il-kelmtejn qosra f'din il-ħarġa bil-ħsieb li nħeġġeġ lil kulmin jaqra għall-qima mistħoqqa lis-Sagrament adorabbili ta' l-Ewkaristija.

Fil-ġimgħa ta' wara dan id-delitt fahxi, aħna għamilna siegħa adorazzjoni speċjali, bħalma rrrikkmandalna Monsinjur Arċisqof, biex nitolbu għal min għamel dan is-sagrileġġ, u biex inpattu lil Ġesù Ewkaristija għall-offiża li saritlu. Iżda ma jidhirlix li għandna nieqfu hawn. Inħass li huwa dmir tagħna lkoll li nħobbu lil Ġesù, li nqawwu fina l-fidi fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija, kif ukoll li nitħeġġu dejjem aktar fid-devozzjoni tagħna lejH.

Fil-prattika nħoss li għandi nirrikkmanda dejjem iżjed is-smigħ tal-quddiesa u t-tqarbin imqaddes, kif ukoll il-viżta ta' kull filgħaxija lil Ġesù Sagramentat, u attendenza aktar numeruża għall-adorazzjoni qasira li nagħmlu fil-Parroċċa kull nhar ta' Ħamis fis-6 p.m. Barra minn hekk, il-festi tal-Ġisem Imqaddes tal-Mulej u tal-Qalb ta' Ġesù, li jsiru f'dawn il-ġimgħat li ġejjin, għandhom ikunu okkażjoni tajba ħafna għall-Parroċċa, anzi għall-parruċċani kollha, biex jieħdu sehem sħiħ fihom bil-ħsieb li jpattu għall-ħsara li saret u jġeddu pubblikament it-twemmin sħiħ tagħhom fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija.

NIFIRĦU: Lis-Sinjorina Marthese Fenech tal-'Balzan Stage Amateurs' li bil-parti ta' Anja fid-dramm "Erwieħ Marbuta" rebħet il-'Best Actress' fil-Konkors Teatrali li sar fl-Imġarr.


Lis-Sinjorina Marica Darmanin li kisbet diploma u liċenzja fl-arti tal-Mużika (L.R.C.A.) mill-Kulleġġ ta' Londra.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Ħbiebi,

Billi issa l-Karnival qiegħed jiġi ċċelebrat fix-xahar ta' Mejju, ħsibna li l-Kompetizzjoni ta' din id-darba tkun dwar dan l-avveniment ta' divertiment. Hawn taħt għandkom tisliba li t-tweġibiet tagħha għandhom x'jaqsmu b'xi mod jew ieħor mal-Karnival. Kulma rridu mingħandkom huwa:

(a) li tagħtuna t-tweġibiet kollha tat-tisliba;
(b) li tgħidulna liema waħda mit-tmien ittri li hemm fil-kaxxi skuri tiġi l-aħħar fl-alfabet.



1. **Fl-isfilata tal-Karnival tara ħafna minnhom.**
2. **Issir is-Sibt tal-Karnival fil-għodu.**
3. **Tintlibes fil-jiem tal-Karnival.**
4. **Xi tnejn jew tlieta minn dawn jieħdu sehem fl-isfilata tal-Karnival ħalli jallegraw lin-nies.**
5. **Ħelu tal-Karnival li f'dawk il-jiem jissuttaw bih ukoll.**
6. **Min irid jiżfen imur f'xi wieħed minnhom fil-Karnival fil-għaxija.**
7. **Meta kien isir fi Frar, il-Karnival kien jiġi fl-aħħar erbat ijiem qabel jibda . . . .**
8. **Fi żmienhom beda jsir il-Karnival f'Malta.**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq jew impustawh intom stess fil-'letterbox' tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Fuq l-envelop iktbu biss KOMPETIZZJONI. Tinsewx tniżżlu fuq il-karta l-isem u l-indirizz tagħkom. Għandkom żmien sas-Sibt, 23 ta' Ġunju, 1973.

* * *

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma:

1. Il-qawmien ta' Kristu mill-mewt; 2. Il-figolla jew bajda tal-Għid; 3. Li joħorġu jiġru f'purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni hija **Marthese Micallef** li toqgħod **7, Triq San Valentinu, Ħal Balzan.** Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

IL-FESTA TA' L-ANNUNZJATA

Minn VALENTINO MUSCAT

Din is-sena l-festa liturġika ta' Marija Santissima Annunzjata ġiet iċċelebrata nhar is-Sibt 24 ta' Marzu minflok il-ġurnata proprja tal-25 ta' Marzu, billi dan il-jum tant għażiż għall-Balzanin ħabat it-tielet Ħadd tar-Randan, u fil-liturġija tal-Knisja l-Ħdud kollha tar-Randan huma pprivileġġjati u fihom ma jistgħux isiru festi.

Il-festa bdiet bid-daqq ferrieħi tal-qniepen li sejħu lill-poplu għall-funzjonijiet reliġjużi li, bħal fl-imgħoddi, kienu xierqa għal din il-festa tal-Patruna tar-Raħal tagħna. Minbarra l-funzjonijiet fil-knisja parrokkjali, tqaddset ukoll Quddiesa fil-knisja l-qadima ta' l-Annunzjata jew aħjar, kif insibuha aħna l-Balzanin, il-Lunzjata żgħira — il-knisja li fl-1655 saret il-parroċċa ta' Ħal Balzan.

Il-każin tal-Banda 'San Gabriel' kif ukoll il-każin 'Marija Annunzjata', iż-żewġ każini li jħabirku kemm jifilħu sabiex jorganizzaw il-festi ta' barra, ma naqsux li jagħtu s-sehem tagħhom għal din il-festa. Dawn iż-żewġ każini organizzaw il-marċ li l-Banda 'San Gabriel' għamlet mat-toroq tar-raħal tagħna f'dan il-jum imsemmi u bil-marċi brijużi ferrħet lill-poplu tagħna. Kien proprju gost tara liż-żgħażagħ tagħna jallegraw ruħhom bid-daqq ferrieħi tal-banda tagħna. Irrid inżid ingħid li d-dilettanti tan-nar ma naqsux li jagħtu s-sehem tagħhom għal din il-festa. Kulħadd naħseb li sama' l-murtali fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofs-in-nhar, u fil-ħin tal-marċ. L-festa għalqet bil-logħob tan-nar ta' l-art fil-wesgħa ta' ħdejn il-knisja. Dan il-logħob tan-nar kien maħdum ukoll minn dilettant Balzani.

Filwaqt li nagħti prosit lil kulħadd, nibda l-ewwelnett lill-maħbub kappillan tagħna għall-funzjonijiet sbieħ li għamel fil-knisja f'dan il-jum, kif ukoll lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fil-festi ta' barra, nixtieq inħeġġeġ lill-Balzanin kollha biex jieħdu aktar parti attiva u jattendu aktar numerużi, għaliex l-attendenza tagħhom tagħmel aktar kuraġġ lill-organizzaturi u tħajjarhom ikomplu sejrin b'dawn l-attivitajiet.

Jiddispjaċini ngħid li fil-waqt li l-knisja kienet mixgħulha kif jixraq għal din il-festa, u filwaqt li ż-żewġ każini tal-festa kif ukoll il-każini l-oħra u xi għaqdiet reliġjużi żejnu l-lokal tagħhom bid-dawl elettriku mill-aħjar li setgħu, ftit u ftit ferm kienu dawk li xegħlu l-gallariji tad-djar tagħhom. Persważ fuq li persważ li dan in-nuqqas ma kienx dovut għall-kwistjoni ta' l-ekonomija, għax naf wisq tajjeb li meta nħabbtu l-bibien tagħkom biex niġbru l-finanzi għall-festa intom ġenerużi fuq li ġenerużi, u ta' dan nirringrazzjawkom u l-Madonna tkun tafulkom. Kieku aktar nies xegħlu l-gallariji tad-djar tagħhom kieku r-raħal kien jieħu xejra ta' festa akbar milli ħa.

Ħuti Balzanin, tajru minn fuqkom din il-bruda u din l-indifferenza għal dawn il-ħwejjeġ u idħlu aktar fl-ispirtu tagħhom billi tikkoperaw ma' l-organizzaturi, u nattendu b'numru akbar meta Ħal Balzan tagħna jsejħilna għal xi avveniment simili.

Nixtieq nagħmilha ċara u nneħħi l-iċken dubju minn moħħ kull min qiegħed jaqra dawn il-ftit kliem tiegħi li jien ma kelli lanqas l-iċken ħsieb li nċanfar lil ħuti Balzanin. L-uniku ħsieb tiegħi kien, kif ġa għedt ftit 'il quddiem, li nħeġġiġkom li tieħdu parti aktar attiva u tiġu b'numru ferm akbar għal kull stedina li ssir lilkom minn dawk li b'tant sagrifiċċji jħabirku għall-festi ta' Marija Santissima Annunzjata.

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Mejju, 1973, fis-Sala Aurora, il-'Balzan Stage Amateurs' se jagħtu "Ħobż u Nbid", l-istorja ta' Marċellino, ta' V.M. Pellegrini.

SPORTS

Minn Lawrence Scicluna

KOMPETIZZJON TAS-SNUKER

Dan l-aħħar, fil-Każin tal-Banda 'San Gabriel', ġiet organizzata kompetizzjoni tas-snuker, bl-inizjattiva tal-Kumitat, tal-membri, u tas-Sur Joe Attard, li ħa ħsieb il-Poloz, ir-'records' tal-logħob, u li wkoll irreffja ħafna mil-logħbiet, flimkien ma' referees oħra. Is-Sur Attard ħaqqu prosit għax kien fattur importanti li din il-kompetizzjoni rnexxiet.

Għal din il-kompetizzjoni daħlu 24 kompetitur, li rriduċew ruħhom għal 6 plejers. Hawn bdiet il-fażi kruċjali tal-kompetizzjoni. Il-kompetituri kellhom jilagħbu 5 'frames' li, biex wieħed jirbaħ, kellu jirbaħ 3 minnhom. Minn hawn għaddew tliet plejers — John Muscat, Paul Vassallo, u Lawrence Scicluna — li ġew sabiex jilagħbu l-Final bejniethom. Dawn it-tlieta kellhom jilagħbu 7 'frames' kontra xulxin. Ir-riżultat finali kien dan:

Rebbieħ — Lawrence Scicluna;

'Runner Up' — John Muscat;

Tielet Post — Paul Vassallo.

Wara l-aħħar logħba, is-Sur Valentino Muscat, Kaxxier tal-Każin, ippreżenta t-'Trophy' (li ġiet mogħtija ġentilment mis-Sur Anġlu Vassallo) lil Law. Scicluna bħala r-rebbieħ. Imbagħad, is-Sur Joe Attard ippreżenta Tazza lil John Muscat, li wkoll ħa tazza oħra għall-akbar 'brake' tal-Kompetizzjoni, u Tazza lil Paul Vassallo.

Il-Kompetizzjoni spiċċat f'ambjent ferrieħi billi kulħadd feraħ lil xulxin u awgura lir-rebbieħa.

STARLETS
284, HIGH STREET,
BALZAN
STATIONERY, TOYS,
PAPER BACKS,
NEWSPAPERS,
AND CIGARETTES
Telephone: 41644

(jaqbad minn paġna 2)

kien Kappillan imma ried jilħaq il-Maltin kollha permezz tal-kitba.

Imma għall-Balzanin, l-ewwel u fuq kollox, Dun Mabbli Sisner jibqa' magħruf l-aktar mhux bħala kittieb iżda bħala l-Kappillan tar-raħal. Huwa rabat ismu ma' dan ir-raħal li hu mexxa għal aktar minn kwart ta' seklu. U huma l-Balzanin li l-aktar jibqgħu jiftakruh b'ġieħ. Il-Balzanin ix-xjuħ jafu jgħidulna tajjeb dwar dan il-qassis qsajjar imma li kellu qalb tħabbat bl-imħabba u l-mogħdrija għall-parruċċani tiegħu. Il-karita' li huwa kien jagħmel man-nies tar-raħal kienet xi ħaġa tal-għaġeb, u d-dmirijiet tiegħu huwa qdiehom tajjeb u kien ta' l-ikbar eżempju għall-erwieħ afdati f'idejh.

Isem il-Kappillan Sisner jibqa' magħġun mal-ġrajja ta' dan ir-raħal, għax in-niket tiegħu kien in-niket tan-nies tar-raħal. Biżżejjed ngħidu li kien hawn li waħda minn ħutu l-bniet ħalliet ħajjitha meta taret il-kamra tan-nar nhar it-22 ta' Ottubru 1903. F'din l-isplużżjoni kienu mietu sitta min-nies, fosthom Concetta Sisner li kellha 36 sena; u fost dawk li ndarbu nsibu lil oħtu l-oħra. Rosina, ta' 39 sena. (2)

Il-mewt tal-Kappillan Sisner, nhar San Valentinu tal-1923, ħasdet 'il-Balzanin kollha, li mbagħad tawh difna kif imiss fil-Knisja Parrokkjali tagħhom, fejn il-fdal tiegħu għadu jistrieħ sal-lum taħt il-presbiterju ta' l-artal maġġur. U l-funeral solenni li għamlulu f'għeluq ix-xahar minn mewtu — jiġifieri nhar is-17 ta' Lulju — jixhed is-sogħba li huma ġarrbu għat-telfa tiegħu.

---

(1) Reġistru tal-Magħmudija Knisja Kolleġġjata ta' Bormla: Reġ. XVI, Paġ. 280.
(2) 'Malta', 23 ta' Ottubru 1903.

Ħrodd ħajr lil — Kan. Victor Cilia (Bormla); Dun Ġwann Dimech (Balzan); Dun Karm Scicluna (Seminarju); Wiġi Briffa (Balzan); Alfred Buhagiar (Birkirkara); Valentino Chetcuti (Balzan); Valentino Muscat (Balzan)

Genuine Antiques, Works of Art, second-hand Household goods, Boutique and Ladies Hair-Stylist all under one roof at:
BENNY'S SHOWROOMS
HIGH STREET, BALZAN
Contractors for upholstery, polishing, frame-making and house decorations
Telephone: 45513

Wirt Dun Ġorġ f'Ħal Balzan

29

ĦAMSIN SENA TA' ĦIDMA – 1923-1973

MINN CARMEL BEZZINA, B.A. TAQSIMA III

IS-SUPERJUR SPIRIDIONE SAMMUT DAM IMEXXI L-QASAM TAL-MUSEUM TA' ĦAL BALZAN GĦAL MADWAR DISA' SNIN. ĦUWA ĦALLA L-KARIGA TIEGĦU GĦALL-ĦABTA TA' SETTEMBRU TAL-1938. FI ŻMIENU L-QASAM MEXA 'L QUDDIEM ĦAFNA U ORGANIZZA RU-ĦU F'DIVERSI ĦWEJJEĠ, U GĦALHEKK IT-TELFA TIEGĦU MA SETGĦETX MA TINĦASSX, AVOLJA ĦUWA BAQA' JŻUR IL-QASAM TA' SPISS UKOLL WARA LI LAĦAQ QASSIS. WARA SPIRIDIONE SAMMUT, INSIBU BĦALA R-RABA' SUPERJUR PARTIKULARI TAL-QASAM LIL ĠUŻEPPI BALZAN, SOĊJU MINN BIRKIRKARA LI KIEN JOQGĦOD TAS-SLIEMA.

Il-ħatra tas-Superjur Ġużeppi Balzan jidher li bdiet isseħħ minnufih, għax il-firma tiegħu fuq ir-reġistri ta' l-ekonomija partikulari tibda tidher minn Ottubru tal-1938. Iżda Ġużeppi Balzan ftit dam imexxi l-qasam. Anqas minn sentejn wara, f'Lulju tal-1940, xahar wara li bdiet il-gwerra, huwa ntbagħat b'xogħol f'Lixandra, billi kien jaħdem it-tarzna. Għalhekk il-qasam ta' Ħal Balzan safa għal darb'oħra mingħajr superjur. Mhux hekk biss, imma s-soċi tiegħu wkoll il-post li fih kienu jilħom jiltaqgħu snin sħaħ!

TIBDA L-GWERRA

Dan ġara nhar l-10 ta' Ġunju tal-1940, meta l-Italja daħlet fil-gwerra kontra l-Ingilterra u Franza, u Malta sabet ruħha fl-eqqel tat-taqbid. F'dak il-jum stess, mijiet ta' nies mill-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir, u l-aktar mit-Tlett Ibliet, ħallew djarhom u bdew resqin ifittxu l-kenn fl-irħula tal-kampanja. Ħal Balzan kien wieħed mill-irħula l-aktar imfittxa fi żmieni il-gwerra, u l-Balzanin kellhom jistabru b'għadd ta' rifuġjati fi djarhom. Il-ħajja tar-raħal għaddiet minn taqliba kbira, kemm minħabba l-għaks u l-biża' li ġabet magħha l-gwerra, kif ukoll minħabba t-taħlit ta' nies min-naħiet t'isfel.

Il-ġrajja tal-Museum f'Ħal Balzan ukoll tidħol f'fażi ġdida, fażi li, minkejja ż-żminijiet koroh, mhijiex daqshekk kerha daqskemm forsi wieħed jaħseb. Id-dar ta' ħdejn il-Knisja li fiha kienu jiltaqgħu s-soċi sabiex igħallmu d-duttrina u li, flimkien ma' dik ta' maġenbha, serviet ta' qasam sa mill-ftuħ tal-Museum f'Ħal Balzan fl-1923, imtliet bir-rifuġjati, u għalhekk il-membri kellhom ifittxu band' oħra. Imma l-Bambin malajr ipprovdielhom imkien ieħor fejn iwettqu l-ħidma tagħhom, għalkemm f'inqas kumdità. Is-soċju Franġisku Vassallo offrielhom li jiltaqgħu għandu f'żewġt ikmamar li huwa kellu fi Sqaq Nru. 1 ta' Triq il-Kbira, ħdejn il-M a d o n n a tar-Rummiena. Hemmhekk, Frenċ kien jaħdem ta' mastrudaxxa matul il-ġurnata; għal fil-għaxija, imbagħad, kien jiknes u jħejji l-post ħalli jinġabru hu u sħabu sabiex igħallmu d-duttrina u flimkien jagħmlu l-assenjatur.

Il-Kappillan, Dun F.S. Zahra, ma naqasx li jagħti s-sehem tiegħu wkoll billi lis-soċi offrielhom li jiltaqgħu fil-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata. Fil-fatt, f'din il-knisja saru xi ċerimonji tal-Magħżulin u tal-Kandidati fi żmien il-gwerra. B'hekk naraw li minkejja l-ħafna skomdi u taqtigħ ta' qalb li ġabu magħhom dawk iż-żminijiet imwiegħra, il-ħidma Museumina baqgħet sejra xorta waħda f'ħinijiet meta l-attakki ħorox tal-għadu kienu jehdew xi ftit.

FI ŻMIEN IS-SUPERJUR FREDU BUHAGIAR — 1940-1947

Tabilħaqq li s-snin tal-gwerra ma kenux mis-sbieħ; b'danakollu, għall-Museum ta' Ħal Balzan swew, biex ngħid hekk, ta' qawmien u ta' ħajja ġdida, billi fost il-ħafna rifuġjati li ġew joqogħdu fir-raħal kien hemm għadd ta' soċi u membri oħra minn diversi oqsma Museumini. Fosthom insibu lill-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà, Eugenio Borg (1886-1967), li flimkien ma' niesu ġie joqgħod f'dar quddiem is-Sorijiet Franġiskani. Insibu wkoll, fost oħrajn, lill-aħwa Delicata — Salvatore, John u Victor; Fredu u William Buhagiar; Frans Gatt, Joseph Cassano, u Charles Parascandalo. Dawn ta' l-aħħar huma tnejn mis-soċi preżenti tal-qasam ta' Ħal Balzan. Dawn barra ħafna oħrajn li llum m'għadhomx membri fis-soċjetà.

Tul is-snin tal-gwerra, dawn kollha kienu jagħmlu sehem mill-qasam ta' Ħal Balzan, u fil-fatt kien wieħed minnhom — is-Superjur Fredu Buhagiar — li ngħażel bħala Superjur Partikulari tal-qasam wara Ġużeppi Balzan. Is-Superjur Fredu Buhagiar, li għadu sal-lum membru fis-Soċjetà, huwa Bormliż u kien ġie rifuġjat Ħal Balzan flimkien mal-familja tiegħu għand waħda mill-qraba tagħhom, oħt il-Kappillan Sisner, li kienet toqgħod fi Triq Idmejda. Il-ħatra tas-Superjur Fredu Buhagiar bħala l-ħames Superjur Partikulari tal-qasam bdiet isseħħ minn Awwissu tal-1940.

Fi żmien il-gwerra ftit hemm x'wieħed isemmi; biss nafu li saru ħames Ċeriminji fil-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata. Saru tnejn tat-tfal Magħżulin, waħda nhar il-21 ta' Settembru 1941 u oħra nhar it-22 ta' Awwissu 1943; u saru tlieta tal-Kandidati, waħda fil-21 ta' Settembru 1941, oħra fl-1942, u oħra fit-22 ta' Awwissu 1943.

Post Ġdid

Hekk kif intemmet il-gwerra, is-Superju Buhagiar u l-membri l-oħra malajr ħasbu sabiex jiksbu post imdaqqas u jgħammruh bħala qasam Museumin. Huma kellmu lill-Kappillan, u dan offrielhom b'kera dar, proprjetà tal-Knisja, fi Triq it-Tliet Knejjes. Il-post għoġobhom, u hekk bdew jirranġawh u jagħmlulu t-tiswijiet meħtieġa. Il-post ħaduh uffiċjalment fil-21 ta' Jannar tal-1945. Huwa l-istess wieħed li sal-lum għadu jservi ta' qasam Museumin għat-tagħlim tad-duttrina, għalkemm min jarah illum ma jgħidx li huwa dak stess ta' tmienja w għoxrin sena ilu. F'dan il-qasam il-ġdid saru xi Ċerimonji wkoll fi żmien is-Superjur Buhagiar. Saret waħda tal-Magħżulin nhar l-10 ta' Frar 1946, u tnejn tal-Kandidati — waħda fl-14 ta' Lulju 1946 u l-oħra fid-19 ta' Novembru ta' l-istess sena.

Ma' tmiem il-gwerra wkoll, uħud mill-membri li tul dawk is-snin kienu jiġu fil-qasam ta' Ħal Balzan ma baqgħux jattendu iżjed f'dan il-qasam; dawk li sabu jikru Birkirkara x'aktarx niżlu fil-qasam ta' hemm. Terġa', fi żmien il-gwerra, f'Birkirkara nfetaħ qasam ġdid — dak imsejjaħ 'ta' Fleur-de-Lys'. Wieħed mis-superjuri ta' dan il-qasam li qed insemmu kien Fredu Buhagiar, li temm il-ħatra tiegħu bħala Superjur Partikulari tal-qasam ta' Ħal Balzan f'Lulju tal-1947.

FI ŻMIEN IS-SUPERJUR FRANCESCO ZAMMIT — 1947-1952

Wara s-Superjur Fredu Buhagiar, laħaq Francesco Zammit minn H'Attard bħala s-sitt Superjur Partikulari tal-qasam ta Ħal Balzan. Is-Superjur Zammit għadu wkoll membru tas-Soċjetà u llum iħarreġ il-kariga ta' Assistent Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Museumina. Il-ħatra ta' Francesco Zammit bħala Superjur Partikulari tal-qasam bdiet isseħħ mit-30 ta' Lulju tal-1947.

Ta' min isemmi li minn din is-sena 'l quddiem ir-reġistru ta' l-Atti tal-Qasam jagħtina t-tagħrif kollu meħtieġ għall-ġrajja tagħna, għax il-membri ħadu ħsieb li jitniżżlu l-attivitajiet u l-ġrajjiet ewlenin li minnhom għadda l-qasam tul iż-żmien. Ħarsa ħafifa lejn dan ir-reġistru turina li fiż-żmien li dam i m e x x i l-qasam is-Superjur Zammit saret ċerimonji tat-tfal Magħżulin kull sena — jiġifieri fil-25 ta' Jannar 1948; fl-24 ta' Lulju 1949; fil-21 ta' Mejju 1950; u fit-22 ta' April 1951. Saru wkoll żewġ Ċerimonji tal-Kandidati — waħda nhar il-25 ta' Settembru 1949, u l-oħra nhar it-8 t'Ottubru 1950.

Żjajjar ta' Dun Ġorġ

F'dan iż-żmien insibu wkoll diversi żjajjar lill-qasam mill-Fundatur. Dan ma jfissirx li qabel ma kienx jiġi; anzi Dun Spir qalilna li l-qasam ta' Ħal Balzan kien wieħed mill-oqsma li Dun Ġorġ kien iħobb iżur. Fost oħrajn, insibu li Dun Ġorġ żar il-Museum nhar it-13 ta' Novembru 1947 u nhar is-16 ta' Awwissu 1948. Fiż-żewġ okkażjonijiet huwa ġabar it-tfal fuq il-bejt tal-qasam — ħaġa li kien iħobb jagħmilha ħafna — u għamlilhom lezzjoni. Ninnutaw ukoll żjajjar oħra ta' Dun Ġwann Briffa, l-Assistent Ekkleżjastiku li jieħu ħsieb il-Għaqda tal-Museum.

Attivitajiet oħra

Attività li bdiet issir għall-ewwel darba f'Ħal Balzan fi żmien is-Superjur Zammit hija l-Quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd għat-tfal fil-Knisja Parrokkjali. Dil-quddiesa saret għall-ewwel darba fid-9 ta' Novembru tal-1947. Għall-bidu kien jiġi jqaddes patri Karmelitan, imma aktar tard il-quddiesa bdiet issir mill-qassisin tal-Parroċċa, kif għadha sal-lum. Fl-14 ta' Novembru tal-1948, f'għeluq is-sena mit-twaqqif tal-Quddiesa tat-tfal, saret quddiesa fil-Knisja għall-bżonnijiet tal-benefatturi kollha ħajjin u mejtin. Is-Soċjetà Museumina minn dejjem ħasbet f'dawk li xi darba jew oħra jkunu għenuha b'xi mod jew ieħor.

Fit-23 ta' Lulju tal-1949, bdiet issir ukoll laqgħa għaż-żgħażagħ kollha li ma jattendux il-Museum, biex b'hekk il-kelma t'Alla żgur tixtered fost il-klassijiet kollha tan-nies, skond ix-xewqa ta' Dun Ġorġ. Għalkemm din il-laqgħa ma kellhiex suċċess mill-bidu, illum nistgħu ngħidu li hija waħda mill-attivitajiet ewlenin li l-qasam ta' Ħal Balzan jorganizza għall-barranin.

Ta' kull sena wkoll, nhar id-29 ta' Settembru, bdiet issir quddiesa fl-artal ta' San Mikiel fil-Knisja Parrokkjali. San Mikiel huwa d-Difensur tas-Soċjetà u l-jum tal-festa tiegħu huwa mħares bil-kbir mill-Għaqda Museumina kollha.

Fit-28 ta' Diċembru tal-1949 sar festin fil-qasam lil Dun F.S. Zahra li kien wasal biex itemm il-ħatra tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar mis-Superjur Francesco Camilleri. Wara nqara indirizz minn Aspirant tal-qasam, u mbagħad wieħed mill-Magħżulin offra lir-Rev. Kappillan rigal f'isem il-membri kollha. Tul is-27 sena li dam Kappillan, Mons. F.S. Zahra ta l-għajnuna tiegħu kollha lill-qasam tal-Museum li, nistgħu ngħidu, twieled u kiber tul il-parrokat tiegħu. Fl-20 ta' Jannar tal-1950, imbagħad, sar festin ieħor lill-Kappillan il-ġdid, Dun Ġużepp Minuti.



Minn dan il-bieb igħaddu mal-150 tifel kuljum sabiex jitgħallmu kif iġibu ruħhom ta' Insara u ta' ċittadini tajba.

F'dik is-sena t-tagħlim tad-duttrina kellu jieqaf għal kważi xahar sħiħ. Fil-11 ta' Settembru 1950 il-Kappillan ordna lis-soċi sabiex iwaqqfu d-duttrina lit-tfal minħabba li f'Malta kienet qed tixtered il-paraliżi. Id-duttrina reġgħet bdiet nhar is-6 ta' Ottubru.

Francesco Zammit dam superjur tal-qasam ta' Ħal Balzan sas-17 ta' April 1952 minn fejn ġie trasferit għal dak ta' Tas-Sliema. Warajh laħaq Victor Delicata. Il-jum ta' qabel, is-soċi għamlu festin ċkejken lis-Superjur Zammit li fih tkellem is-superjur il-ġdid. Imbagħad għamel kelmtejn is-Superjur Zammit innifsu u wera x-xewqa tiegħu li l-qasam jibqa' miexi 'l quddiem u l-membri jibqgħu josservaw ir-regola. Għalaq il-festin is-Superjur Pawlu Cutajar.

(Jissokta)



Il-Museum tas-subien — Nru. 25, Triq it-Tliet Knejjes. Dan il-post beda jservi ta' qasam Museumin fil-21 ta' Jannar 1945.

ARS VITREA

Prop.: JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS
ENGRAVERS AND SAND BLASTERS ON GLASS
BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS RD., BIRKIRKARA
Telephone: 40323 Cables: Jolica-Malta